Nru. 18,353
Prezz/Price
€2.61

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru, 2008
Friday, 12th December, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2008 Nru. XII

Anno Domini 2008 No. XII

Proklama

(L.S.) MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(Iff.) Edward Fenech Adami
President

BILLI bis-saħħa tal-artikolu 2 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Erarju (Kapitolu 62), huwa provdut li kull meta jingħata avviż minn Ministru lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati ta' Abbozz ta' Liġi dwar l-impożizzjoni ta' dazju ġdid jew dwar żieda ta' dazju li ġa hemm, dan id-dazju ġdid jew din iż-żieda ta' dazju għandhom jittieħdu u jinġabru mill-Awtorità li tiġi stabbilita fl-Abbozz minn dak in-nhar li tiġi maħruġa Proklama biex tgħarraf li ħareġ avviż kif jingħad hawn fuq;

JIENA, GĦALHEKK, qiegħed b'dan nipproklama illi avviż ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ Att biex jemenda l-Att dwar Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur u li għandu bħala skop id-dħul ta' sistema ġdida dwar il-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni u d-dritt tal-liċenzjar tal-vetturi bil-mutur ġie mogħti mill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati u li kopja ta' dak l-Abbozz ġiet ippreżentata għand l-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati;

Iżda mingħajr preġudizzju għad-dħul fis-seħħ minnufih ta' din il-Proklama għar-rigward ta' kull ħaġa li hemm ipprovdut li dwarha data aktar tard hi provduta fl-Abbozz għall-bidu fis-seħħ, din il-Proklama għandha tibda fis-seħħ fir-rigward ta' dik il-ħaġa fid-data kif provdut fl-Abbozz.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 10 ta' Diċembru, 2008.

B'Awtorità,

(Iff.) Giovanna Debono
Aġent Prim Ministru

Proclamation

(L.S.) BY THE PRESIDENT OF MALTA

(Sd.) Edward Fenech Adami
President

WHEREAS by virtue of article 2 of the Revenue (Safeguard) Act (Chapter 62), it is provided that whenever notice is given by a Minister to the Clerk of the House of Representatives of a Bill having for its object the imposition of a new duty or the increase of an existing duty, such new duty or increase of duty shall be levied and collected by the Authority designated in the Bill as from the day on which a Proclamation is issued to the effect that the said notice has been given;

NOW, THEREFORE, I do hereby proclaim that notice of a Bill entitled An Act to amend the Motor Vehicle Registration Tax Act and having as its object the introduction of a new system for the payment of motor vehicle registration tax and licensing fees system, has been given by the Minister of Infrastructure, Transport and Communications to the Clerk of the House of Representatives and that a copy of such Bill has been filed with the Clerk of the House of Representatives;

Provided that without prejudice to the immediate coming into force of this Proclamation with respect to any matter in respect of which a later date is provided in the Bill for its coming into force the present Proclamation shall come into force with respect to such matter as from the date provided in the Bill.

Made at the Palace, Valletta, this 10th day of December, 2008.

By Authority,

(Sd.) Giovanna Debono
Acting Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1097

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 18 imsejjaħ l-Att tal-2008 li jemenda l-Att dwar Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur.

It-12 ta' Diċembru, 2008

Nru. 1098

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, TRASPORT U KOMUNIKAZZJONI

Ħatra ta' Direttur Ġenerali *(Operations)*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Joseph F. Caruana, M.B.A., B.A. (Hons.) Public Administration, bħala Direttur Ġenerali *(Operations)* fil-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni b'seħħ mis-26 ta' Novembru 2008.

It-12 ta' Diċembru, 2008

Nru. 1099

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U L-INVESTIMENT

Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Carmel Conti, C.P.A.A., B.A. (Hons) Accountancy, B.S.Th, bħala Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment b'seħħ mill-20 ta' Novembru 2008.

It-12 ta' Diċembru, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 1097

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 18 entitled the Motor Vehicles Registration Tax (Amendment) Act, 2008.

12th December, 2008

No. 1098

MINISTRY FOR INFRASTRUCTURE, TRANSPORT AND COMMUNICATIONS

Appointment of Director General (Operations)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Joseph F. Caruana, M.B.A., B.A. (Hons.) Public Administration, as Director General (Operations) in the Ministry for Infrastructure, Transport and Communications with effect from 26th November 2008.

12th December, 2008

No. 1099

MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

Appointment of Director General (Inland Revenue)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Carmel Conti, C.P.A.A., B.A. (Hons) Accountancy, B.S.Th, as Director General (Inland Revenue) in the Ministry of Finance, the Economy and Investment with effect from 20th November 2008.

12th December, 2008

Nru. 1100

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U L-INVESTIMENT

Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Dwana)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Spiridione Galea, bħala Direttur Ġenerali (Dwana) fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment b'seħħ mill-20 ta' Novembru 2008.

It-12 ta' Diċembru, 2008

No. 1100

MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

Appointment of Director General (Customs)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Spiridione Galea, as Director General (Customs) in the Ministry of Finance, the Economy and Investment with effect from 20th November 2008.

12th December, 2008

Nru. 1101

ĦATRA TA' DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil dawn l-uffiċjali pubbliċi kif jidher hawn taħt:

No. 1101

APPOINTMENT OF DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed the undermentiond public officers as shown hereunder:

		Data Effettiva *Effective Date*
MINISTERU TAL-AFFARIJIET BARRANIN *MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS*		
Ms Helga Mizzi, B.A. (Hons.) Contemporary Mediterranean Studies, M.A. Diplomatic Studies	Direttur (Relazzjonijiet Esterni u Affarijiet) tal-Mediterran) Diviżjoni tal-Politika *Director (External Relations and Mediterranean Affairs), Political Division*	20.11.2008
MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, TRASPORT U KOMUNIKAZZJONI *MINISTRY FOR INFRASTRUCTURE, TRANSPORT AND COMMUNICATIONS*		
Mr Joseph Tong	Direttur (Żvilupp tal-*Policy)* *Director (Policy Development)*	20.11.2008
MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI *MINISTRY FOR SOCIAL POLICY*		
Mr Mark Musù	Direttur (Żvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali, Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali *Director (Strategic Development and International Relations), Social Security Division*	20.11.2008
MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN *MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS*		
Mr Joseph Sacco	Direttur (Qrati u Tribunali Kriminali, Malta), Diviżjoni tal-Qrati *Director (Criminal Courts and Criminal Tribunals, Malta), Law Courts Division*	20.11.2008

Nru. 1102

ATT DWAR IL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL
(KAP. 462)

Kunsill għat-Tfal
Membri Eletti b'Għażla

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 (2) tal-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal (Kap. 462), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Kunsill għat-Tfal eleġġa b'għażla l-persuni hawn taħt imsemmija bħala membri tal-Kunsill għall-perjodu 8 ta' Ottubru 2008 sat-18 ta' Jannar 2009:

Is-Sur Ramon Bonett Sladden
Is-Sur Mahmoud El-Bakry
Ms Miriam Muscat
Ms Marian Muscat Azzopardi
Is-Sur Trevor Zahra
Is-Sur Francois Zammit

It-12 ta' Diċembru, 2008

No. 1102

COMMISSIONER FOR CHILDREN ACT
(CAP. 462)

Council for Children
Co-opted Members

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 12 (2) of the Commissioner for Children Act (Cap. 462), and for the purpose of that Act, the Council for Children has co-opted the following persons as members on the Council for Children for the period 8th October 2008 to 18th January 2009:

Mr Ramon Bonett Sladden
Mr Mahmoud El-Bakry
Ms Miriam Muscat
Ms Marian Muscat Azzopardi
Mr Trevor Zahra
Mr Francois Zammit

12th December, 2008

Nru. 1103

***BILLS* TAT-TEŻOR TA' MALTA**
(KAP. 133)

Emenda għall-Ħruġ ta' Kalendarju

L-*Accountant General* jgħarraf illi t-tul ta' żmien u d-data applikabbli għall-ħlas tal-*bills* tat-Teżor li jintlaqgħu fl-irkant tal-*bills* tat-Teżor li għandu jsir it-Tlieta 23 ta' Diċembru, 2008 se jkunu kif ġej hawn taħt:-

- Tul ta' żmien: 179 ġurnata minflok 182 ġurnata u jimmatura fis-26 ta' Ġunju 2009.
- Id-data għall-Ħlas dovut: It-Tnejn 29 ta' Diċembru 2008, minflok kif kien avżat qabel il-Ġimgħa 26 ta' Diċembru 2008, minħabba li din id-data hija vaganza tal-banek.

B'hekk, din in-Notifikazzjoni temenda n-Notifikazzjoni Nru. 992 Ħruġ ta' Kalendarju għax-xahar ta' Diċembru 2008 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Novembru, 2008.

It-12 ta' Diċembru, 2008

No. 1103

MALTA TREASURY BILLS ACT
(CAP. 133)

Notice of Issuance Calendar (Amendment)

The Accountant General notifies that the tenor and the applicable settlement date of accepted bids for Treasury Bills to be auctioned on Tuesday 23rd December, 2008 are being fixed as hereunder:-

- Tenor: 179 days instead of 182 days and matures on 26th June 2009.
- Settlement Date: Monday 29th December 2008, in lieu of Friday 26th December 2008, as previously notified, due to a bank holiday on that date.

This Notice is hereby amending the Notice of Issuance Calendar for the month of December 2008, issued by Government Notice No. 992 in the Government Gazette of the 18th November, 2008.

12th December, 2008

Nru. 1104

***BILLS* TAT-TEŻOR TA' MALTA**

(KAP. 133)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull *bill* tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Jannar 2009 u li huwa ppubblikat mill-*Accountant General* skond u għall-finijiet ta' regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar id-Demarterjalizzazzjoni tal-bills tat-Tezor ta' Malta ta' l-Avviz Legali Nru. 59 ta' l-2007:

No. 1104

MALTA TREASURY BILLS ACT

(CAP. 133)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of January 2009 and is published by the Accountant General in terms of regulation 5 of the Malta Treasury Bills (Dematerialisation) Regulations, 2007 of Legal Notice No. 59 of 2007:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
29	30 TB Tender Date	31	01 **Public Holiday**	30 TB **Bank Holiday**
05	06 TB Tender Date	07	08	09 TB Issue of 90 days maturing 9 April 2009
12	13 TB Tender Date	14	15	16 TB Issue of 91 days maturing 17 April 2009
19	20 TB Tender Date	21	22	23 TB Issue of 91 days maturing 24 April 2009
26	27 TB Tender Date	28	29	30 TB Issue of 90 days maturing 30 April 2009

Notes:- *Note: TB = Treasury Bills*

1. Treasury Bills Auctions are held every Tuesday and successful bids are settled the following Friday.
2. When either of these days falls on a Public Holiday the auction takes place on the first working day immediately before.
3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.
4. Bids on Tender forms, which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m. on the tender date. Such bids may either be made directly to the Treasury or transmitted by fax on 25967210 or by e-mail.
5. Only offers with a definite yield shall be considered.
6. 28 day tenor minimum amount is €250,000, other tenor €50,000. Above this minimum must be in multiples of €1,000.
7. With regard to the tenor, the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same yield as that for the whole amount he has tendered for.
9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day.
10. Settlement of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m. on the date on which the relative Bills are dated. Payments may be effected either by cheque, made payable to the Accountant General or by bank transfer to the credit of the Public Account, Account number 40001 EUR-CMG5-001-H, with the Central Bank of Malta. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill.
11. The Accountant General reserves the right of not accepting any tender. For further information please refer to the Malta Treasury Bills General Prospectus at www.treasury.gov.mt

12th December, 2008

Nru. 1105

AWTORITÀ TAX-XANDIR

Ħtiġiet ta' *Standards* u Prattika dwar Reklamar, Metodi ta' Reklamar u Direzzjonijiet dwar Kollezzjonijiet Pubbliċi fuq il-Mezzi tax-Xandir

Titolu

It-titlu ta' dawn il-ħtiġiet hu l-Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika dwar Reklamar, Metodi ta' Reklamar u Direzzjonijiet dwar Kollezzjonijiet Pubbliċi fuq il-Mezzi tax-Xandir.

1. L-Isfond

Kap. 350

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika dwar Reklamar, Metodi ta' Reklamar u Direzzjonijiet saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilha bl-artikoli 19(3) u (5) u 20(3) tal-Att dwar ix-Xandir.

Kap. 279
Kap. 492

1.2 Programmi u reklamar, li għandhom x'jaqsmu ma' kollezzjonijiet pubbliċi jew li jirreferu għalihom u li huma l-għan prinċipali ta' dawn il-Ħtiġiet għandhom jikkonformaw ma' kull leġiżlazzjoni Maltija rilevanti b'mod partikolari l-Att dwar il-Kollezzjonijiet Pubbliċi u l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji.

2. Indikazzjoni tan-Numru tal-Permess

2.1 Ir-reklami u l-avviżi kollha li għandhom x'jaqsmu ma' kollezzjoni pubblika jew li jirreferu għaliha għandu jkollhom kliem li bih in-numru u d-data tal-ħruġ ta' dan il-permess mill-Kummissarju tal-Pulizija jinqara fuq is-servizz tar-radju u tidher fuq l-iskrin tat-televixin, skont il-każ. Fil-każ ta' servizz ta' televixin, matul ir-reklamar għandu jkun hemm *crawl* bl-informazzjoni kif imsemmi hawn fuq.

2.2 Jekk organizzazzjoni volontarja tkun eżenti mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kollezzjonijiet Pubbliċi skont Ċertifikat maħruġ mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, in-numru taċ-ċertifikat u d-data tal-ħruġ għandhom jinqraw fuq is-servizz tar-radju u jidhru fuq l-iskrin tas-servizz tat-televixin, skont il-każ. Fil-każ ta' servizz ta' televixin, il-*crawl* bl-informazzjoni msemmija hawn fuq għandha tidher matul ir-reklamar.

2.3 Fil-każ ta' programm tat-televixin fejn tissemma kollezzjoni pubblika u li dan il-

No. 1105

BROADCASTING AUTHORITY

Requirements as to Standards and Practice as to Advertisements, Methods of Advertising and Directions on Public Collections on the Broadcasting Media

Citation

The title of these requirements is the Requirements as to Standards and Practice and as to Advertisements, Methods of Advertising and Directions on Public Collections on the Broadcasting Media.

1. Background

Cap. 350

1.1 These requirements as to Standards and Practice and as to Advertisements, Methods of Advertising and Directions have been made by the Broadcasting Authority in virtue of the powers conferred by articles 19(3) and (5) and 20(3) of the Broadcasting Act.

Cap. 279
Cap. 492

1.2 Programmes and advertisements, dealing with or referring to public collections that are within the scope of these Requirements shall comply with all relevant Maltese legislation namely the Public Collections Act and the Voluntary Organisations Act.

2. Indication of the Permit number

2.1 All advertisements and notices dealing with or referring to a public collection shall contain wording whereby the permit number and the date of issue of such permit by the Commissioner of Police is read out on radio services and displayed on screen on television service, as the case may be. In the case of a television service a crawl has to be displayed during the advertisement containing the above mentioned information.

2.2 Should a voluntary organisation be exempt from the provisions of the Public Collections Act in terms of a Certificate issued by the Commissioner for Voluntary Organisations, the certificate number and date of issue shall be read out on radio services and displayed on screen on television services, as the case may be. In the case of a television service a crawl has to be displayed during the advertisement containing the above mentioned information.

2.3 In the case of a television programme in which mention is made of a public collection

programm hu wieħed kollu kemm hu dwar kollezzjoni pubblika, *crawl* bl-informazzjoni msemmija f'paragrafi 2.1 u 2.2 hawn fuq għandha tidher fuq l-iskrin tat-televixin fil-bidu tal-programm. Fil-każ ta' programm ta' radju, l-informazzjoni msemmija f'paragrafi 2.1 u 2.2 hawn fuq għandha tinqara fil-bidu tal-programm.

2.4 Fil-każ ta' programm tat-televixin fejn tissemma kollezzjoni pubblika u li dan il-programm mhuwiex kollu kemm hu dwar kollezzjoni pubblika imma li waqt il-programm ikun hemm referenza għall-kollezzjoni bħal din, l-informazzjoni imsemmija f'paragrafi 2.1 u 2.2 hawn fuq, għandha tidher fuq l-iskrin tat-televixin waqt dik il-parti tal-programm li fiha jkun hemm riferenza għall-kollezzjoni pubblika. Fil-każ tar-radju, l-informazzjoni msemmija f'paragrafi 2.1 u 2.2 hawn fuq, għandha tinqara fil-bidu tal-programm.

and such programme is one which is entirely devoted to a public collection a crawl providing the information mentioned in paragraphs 2.1 and 2.2 above should appear on the television screen at the beginning of the programme. In the case of a radio programme the information mentioned in paragraphs 2.1 and 2.2 above should be read out at the beginning of the programme.

2.4 In the case of a television programme in which mention is made of a public collection and such programme is one which is not entirely devoted to a public collection but which during such programme a reference is made to such collection, the information mentioned in paragraphs 2.1 and 2.2 above should appear on the television screen during that part of the programme where reference is made to the public collection. In the case of a radio programme the information mentioned in paragraphs 2.1 and 2.2 above should be read out at the beginning of the programme.

L.S 350.20 3. Regolamenti dwar *Crawls*

3. Regulation of Crawls S.L. 350.20

3.1 *Crawls* imsemmijin fil-paragrafi ta' qabel ta' dawn il-Ħtiġiet għandhom jiġu regolati mill-Ħtiġiet dwar *Standards* li jkunu Applikabbli għall-*Crawls* u *Captions* fi Programmi tat-Televixin.

3.1 Crawls mentioned in the preceding paragraphs of these Requirements shall be regulated by the Requirement as to Standards and Applicable to Crawls and Captions in Television Programmes.

It-12 ta' Diċembru, 2008

12th December, 2008

Nru. 1106

ORDINANZA DWAR L-AKKWIST TA' ARTIJIET GĦAL SKOPIJIET PUBBLIĊI (KAP. 88)

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 187 tal-1 ta' Marzu 2007, fl-istima tal-Perit Fred H. Valentino datata 17 ta' Mejju 2006, l-art hija meqjusa in parti bħala art agrikola hija żbaljata u kellha tiġi l-art hija meqjusa bħala art agrikola.

It-12 ta' Diċembru, 2008

No. 1106

LAND ACQUISITION (PUBLIC PURPOSES) ORDINANCE (CAP. 88)

WITH reference to Government Notice No. 187 dated 1st March 2007, the valuation of architect Fred H. Valentino dated 17th May 2007, the land is considered in part as agricultural land is not correct and should read land is considered as agricultural land.

12th December, 2008

Nru. 1107

AĠENZIJI TAL-IMPIEG BIL-LIĊENZA

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 954 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Novembru, 2008, ngħarrfu illi l-isem ta' Hrd Consultancy Services Ltd għandu jkun: HRD Consultancy Services & Co.

It-12 ta' Diċembru, 2008

No. 1107

LICENCED EMPLOYMENT AGENCIES

WITH reference to Government Notice No. 954 published in the Government Gazzette of the 7th November, 2008 it is notified that the name Hrd Consultancy Services Ltd should read: HRD Consultancy Services & Co.

12th December, 2008

Nru. 1108

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1108

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Claudine Cioffi	247073 (M)	19, "Maria", Flat 2, Vjal De La Salle, Gżira

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Cyndiline Said	523274 (M)	43, "Sungai", Triq is-Sikka, Baħar iċ-Ċagħaq, Naxxar
Joseph Cachia	494966 (M)	115, Triq ir-Rebħa, Gżira
Jonathan Pulis	17182 (M)	44, "Ritang", Triq l-Għadiba, Żabbar
Alexander Falzon	479972 (M)	46, "Desert Rose", Triq tal-Menta, Mqabba
Alexander Ghio	132972 (M)	10, "Sandlake", Triq is-Serer, Qormi
Lawrence Fiorentino	811553 (M)	122, Triq is-Salini, Marsaskala
Paul Caruana	421865 (M)	"Anaurac", Sqaq Bursett, Żabbar
Joseph Caruana	421765 (M)	35, "Damrak", Triq ir-Rand, Attard
Benneth Chima Njoku	292707 (L)	89, "Qalb ta' Gesu", Triq il-Wardija, Qala, Għawdex
Angela Vella	223872 (M)	"Coral Reefs", Triq Morphou, Bubaqra, Żurrieq
Dorian Farrugia	475576 (M)	3, "Dar Merħba", Triq Bir Miftuħ, Gudja
George Chetcuti	157375 (M)	Seawave Court, Flat 4, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar

Frank Muscat	239755 (M)	145, "Dajanu", Triq Ġużé Ellul Mercer, Dingli
Tanja Carmen Mallia	9482 (M)	64, "Patricia", Flat 2, Triq Baskal Buhagiar, Mosta

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor;

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

It-12 ta' Diċembru, 2008

12th December, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) jinħtieġlu jimla l-vakanza ta:

Support Team Members (Permess tal-ETC Nru. 22/2008)

Jirraporta lid-Deputat Prinċipal (*Quality Assurance, Academic and Student Services*), is-*Support Team Members* ikunu responsabbli minn dmirijiet amministrattivi u ta' tmexxija u jikkordina x-xogħol ta' *Learning Assistants (Facilitators)* fi ħdan Inclusive Education Unit (IEU) fl-MCAST.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is seeking to fill the vacancies of:

Support Team Members (ETC Permit No. 22/2008)

Reporting to Deputy Principal (Quality Assurance, Academic and Student Services), the Support Team Members will be responsible for the administrative and management duties to coordinate the work of the Learning Assistants (Facilitators) within the Inclusive Education Unit (IEU) at MCAST.

Il-kandidati li jintagħżlu għandu jkollhom:

Degree B.Ed jew l-ewwel *degree* bi kwalifika ta' PGCE/ MCAST Vocational Teacher Training u

Tal-inqas tliet (3) snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* preferibbilment ma' studenti li għandhom ħtiġiet ta' tagħlim.

Il-kandidati li jintagħżlu huma mistennija li:

Jikkordinaw it-*timetabes* ta' *lectures* u pjanijiet ta' tagħlim tal-istudenti li jgawdu mis-servizzi ta' *Learning Assistants* fl-Istituti kollha tal-MCAST;

Jiżviluppaw sillabi ta' studenti b'diffikultajiet ta' tagħlim u jassistu *Learning Assistants* fil-qdi sewwa ta' dmirijiethom;

Jieħdu sehem fid-dmirijiet ta' Learning *Assistants*;

Isiru laqgħat u jiġu diskussi temi relatati ma' tagħlim ta' studenti tal-IEU, joffru soluzzjonijiet prattiċi u individwali għall-ħtiġiet ta' tagħlim individwali;

Jipparteċipaw f'attivitajiet ta' żvilupp professjonali skond l-għanijiet tal-MCAST; u

Iżommu *records* tal-progress, kisbiet u ħtiġiet ta' studenti tal-IEU.

Lecturing Staff fil-qasam li ġej: *Literacy* (Permess tal-ETC Nru. 244 /2008)

Kandidati prospettivi huma mistiedna jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 22 ta' Diċembru 2008 f'nofsinhar. Applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

It-12 ta' Diċembru, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġlu jimla l-vakanza ta:

Deputat Reġistratur/Uffiċjal tal-Eżamijiet (Permess tal-ETC Nru. 241/2008)

Id-Deputat Reġistratur jagħmilha ta' viċi tar-Reġistratur u jaġixxi bħala l-Uffiċjal tal-Kulleġġ għall-Eżamijiet u bħala l-persuna li għandhom jikkuntattjaw magħha l-korpi tal-eżamijiet/*awarding bodies*.

The successful candidates must be in possession of:

A B. Ed degree or a first degree with PGCE/MCAST Vocational Teacher Training qualification and

At least three (3) years teaching/lecturing experience preferably with students who have learning needs.

The selected candidates will be expected to:

Coordinate the timetabling of lectures and individual learning plans of students benefitting from the services of Learning Assistants in all MCAST Institutes;

Develop the syllabuses of students with learning difficulties and support Learning Assistants in carrying out their duties efficiently;

Partake in the duties of Learning Assistants;

Meet and discuss issues related to lecturing IEU students, offering practical and individual solutions to individual learning needs;

Participate in professional development activities according to MCAST policy; and

Keep records of IEU students' progress, achievement and needs.

Lecturing Staff in the following area: Literacy (ETC Permit No. 244 /2008)

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 5th January 2009 at noon. Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

12th December, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is seeking to fill the vacancy of:

Deputy Registrar/Examinations Officer
(ETC Permit No. 241/2008)

The Deputy Registrar will deputise for the College Registrar and will act as the College's Examinations Officer and as the point of contact with all examining/awarding bodies.

Il-kandidat li jintgħażel għandu:

Ikollu *degree* rikonoxxuta;

Ikun eliġibbli għal aktar studju f'livell ta' wara l-gradwazzjoni f'livell ta' *Masters* jew ekwivalent;

Ikollu tal-anqas erba' snin esperjenza fl-amministrazzjoni tal-edukazzjoni;

Jingħataw preferenza l-applikanti li jkollhom Diploma ta' wara l-gradwazzjoni fl-Amministrazzjoni u l-Management fl-Edukazzjoni mill-Università ta' Malta jew kwalifika ekwivalenti

L-applikant li jintgħażel ikun meħtieġ li:

Jiżgura li r-regoli/regolamenti kollha tad-diversi *awarding bodies* ikunu osservati bir-reqqa u jżommu ruħhom aġġornati mal-bidliet li jistgħu jsiru minn żmien għal żmien;

Jiżgura li l-eżamijiet kollha bbażati fil-Kulleġġ jitmexxew b'mod xieraq;

Iżomm reġistri dettaljati tal-istudenti kollha li jagħmlu l-eżamijiet jew jingħataw Ċertifikati tal-Kulleġġ;

Isegwu l-iżvilupp b'mod attiv f'oqsma tal-Edukazzjonali Ogħla u Vokazzjonali fl-Ewropa u internazzjnalment.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kuleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 22 ta' Diċenbru 2008 f'nofsinhar. Applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

It-12 ta' Diċembru, 2008

The successful candidate must:

Be in possession of a recognised degree;

Be eligible for further study at post-graduate level at Masters level or equivalent;

Have a minimum of four years experience in educational administration;

Applicants in possession of the Post Graduate Diploma in Educational Administration and Management of the University of Malta or an equivalent qualification will be given preference.

The selected applicant will be expected:

To ensure that all rules/regulations of the various awarding bodies are strictly observed and to keep abreast with all changes that may be forthcoming from time to time;

To ensure that all College based examinations are conducted in an appropriate manner;

To maintain accurate records for all students entering examinations or awarded College Certificates;

To actively follow developments in the areas of Higher and Vocational education in Europe and internationally.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 22nd December 2008 at noon. Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

12th December, 2008

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Riżultat għall-Ingaġġ ta' Uffiċjali Każwali ta' Detenzjoni fis-Servizz ta' Detenzjoni - Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern

Il-Kmandant, Servizz ta' Detenzjoni, jgħarraf illi r-riżultat għall-ingaġġ imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta.

It-12 ta' Diċembru, 2008

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Result for the Engagement of Casual Detention Service Officers within the Detention Service - Ministry for Justice and Home Affairs

The Commander, Detention Service notifies that the result for the above-mentioned engagement has been published and can be viewed on the notice-board of the Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta.

12th December, 2008

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Master of Diplomacy and International Relations 2009/2010
(for Maltese citizens only)

The public announcement for the entrance examination to 'Master of Diplomacy and International Relations' of the Spanish Diplomatic School, course 2009/2010 has been issued. The official form is to be found on the website of the Ministry of Foreign Affairs and Cooperation of Spain: www.mae.es/es/menuPpal/Ministerio

Applicants must sit for an entrance examination before 11th April 2009 at the Embassy of Spain for which all applicants will be called.

To get the maximum advantage of this Master, applicants must have an adequate level of Spanish which might be proved by presenting the intermediate level of DELE (Diploma of Spanish as a Foreign Language).

Interested applicants who wish to apply for a scholarship to attend this Master must personally ask for it to AECID (Spanish Agency for International Cooperation and Development). More information is available from the following Website www.becasmae.es

The deadline to submit the application and all documentation is 31st January 2009 at the:

Embassy of Spain
Whitehall Mansions
Ta' Xbiex Seafront
Ta' Xbiex XBX1026

Tel: 21317365
Fax: 21317362
e-mail: emb.valletta@mae.es

Opening hours from Monday to Friday from 9.00 a.m. till 2.00 p.m.

More information can be obtained from the Embassy of Spain in Malta.

12th December, 2008

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet għall-Ħruġ ta' Liċenzi ta' *Engine Driver* fuq l-Art – Novembru 2008

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż tal-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana fuq in-numru tat-telefon 25982216.

It-12 ta' Diċembru, 2008

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Examinations for the Issue of Engine Driver Licences (Land) – November 2008

The Director of Examinations notifies that the notice of the above mentioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the notice of the examination are advised to contact immediately the Department of Examinations, Floriana on telephone number 25982216.

12th December, 2008

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-Edexcel London - Mejju/Ġunju 2009

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li fi ħsiebhom joqogħdu għall-Eżamijiet tal-Edexcel London Mejju/Ġunju 2009 li l-applikazzjonijiet jintlaqgħu minn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Jannar 2009 sal-Ġimgħa, is-16 ta' Jannar, 2009, mit-8.00 a.m. sal-4.30 p.m., kif ġej:-

Kandidati f'Malta
Dipartiment tal-Eżamijiet,
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex
Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat,
Għawdex

Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana u miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, minn nhar it-Tnejn, id-29 ta' Diċembru, 2008.

L-applikanti jistgħu jagħżlu wkoll li jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom *on-line* fuq www.exams.gov.mt Ir-reġistrazzjoni *on-line* se tkun disponibbli bejn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Jannar 2009 sat-Tnejn, id-19 ta' Jannar, 2008, sal-4.00 p.m.

Il-kandidati għandhom jinnotaw li jistgħu jirreġistraw biss jew:

(1) jekk ikunu lestew il-Ħames Klassi sa Mejju/Ġunju 2009

jew

ikunu għalqu s-16-il sena dakinhar jew qabel id-data ta' meta jagħlqu r-reġistrazzjonijiet (i.e. 16 ta' Jannar, 2009). Kandidati li jattendu Skejjel Statali jew Privati għandhom ikunu ppreżentati mill-Iskola.

Il-kandidati l-oħra kollha għandhom jirreġistraw bħala 'Kandidati Privati'

Il-kandidati jistgħu jħassru kull suġġett mill-formola tal-applikazzjoni ta' Mejju/Ġunju 2009 u jieħdu flushom lura jekk il-kandidati jirnexxielhom jikkwalifikaw fis-suġġett/i meta joħroġ ir-Riżultat tal-Eżamijiet tal-Edexcel London Jannar 2008.

Importanti

Inwissu lill-kandidati biex jiċċekkjaw l-orarji tal-*Examining Boards* lokali u barranin qabel ma japplikaw għall-eżamijiet.

Jiġu kkunsidrati biss dawk l-eżamijiet lokali li jaħbtu ma' eżamijiet ta' *Examining Boards* barranin f'suġġetti differenti.

Suġġetti bejn il-*Foreign Examining Boards* u l-MATSEC li jaħbtu ma jiġux ikkunsidrati.

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Edexcel London Examinations - May/June 2009

The Director of Examinations notifies candidates intending to sit for the Edexcel London Examinations May/June 2009 that applications will be received as from Monday, 5th January 2009 up to Friday, 16th January 2009 from 8.00 a.m. to 4.30 p.m. as follows:-

Malta candidates:
Examinations Department,
Floriana

Gozo candidates:
Examinations Centre, Victoria,
Gozo

Application forms may be obtained from the Examinations Department, Floriana and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, as from Monday, 29th December, 2008.

Applicants have also the option to send their application on-line on www.exams.gov.mt The on-line registration will be available between Monday 5th January, 2009 up to Monday 19th January 2009 at 4.00 p.m.

Candidates are reminded that they can only register for the above examinations either:

(1) if they complete the Form V by May/June 2009

or

if they are 16 years of age on or before the closing date of registrations, (i.e. 16th January 2009). Candidates attending State or Private Schools should be School Presented.

All other candidates should register as 'Private Candidates'

A candidate may cancel any subject/s from the May/June 2009 application form and receive a refund of fees if the candidate succeeds to qualify in the subject/s on receipt of the Edexcel London January 2009 Examination Result.

Important

Candidates are advised to check between different local and foreign Examining Boards' timetables, before applying for any examinations.

Clash of subjects in examinations offered by different Foreign Examining Boards will only be considered if not in the same subject.

Clashes of subjects between Foreign Examining Boards and MATSEC will not be considred.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana, u miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew minn fuq il-*website* tad-Dipartiment www.exams.gov.mt

It-12 ta' Diċembru, 2008

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-AQA Sajf 2009

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li fi ħsiebhom jagħmlu l-Eżamijiet tal-AQA Sajf 2009 li l-formoli tal-applikazzjoni jintlaqgħu minn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Jannar, 2009, sal-Ġimgħa, is-16 ta' Jannar, 2009, mit-8.00 a.m. sal-4.30 p.m. kif ġej:

Kandidati f'Malta:
Dipartiment tal-Eżamijiet
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:
Ċentru tal-Eżamijiet
Ir-Rabat, Għawdex

Dettalji dwar is-suġġetti u ħlasijiet relattivi jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji msemmija.

L-applikanti jistgħu wkoll jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom *on-line* fuq www.exams.gov.mt. Ir-reġistrazzjoni *on-line* tista' ssir bejn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Jannar 2009 u t-Tnejn, id-19 ta' Jannar, 2009 sal-4.00 p.m

Importanti

Inwissu lill-kandidati biex jiċċekkjaw l-orarji tal-*Examining Boards* lokali u barranin qabel ma japplikaw għall-eżamijiet.

Jiġu kkunsidrati biss dawk l-eżamijiet lokali li jaħbtu ma' eżamijiet ta' *Examining Boards* barranin f'suġġetti differenti.

Suġġetti tal-*Foreign Examining Boards* u tal-Matsec li jaħbtu ma' jiġux ikkunsidrati.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana, u miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew minn fuq il-*website* tad-Dipartiment www.exams.gov.mt

It-12 ta' Diċembru, 2008

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Għargħur jgħarraf li minħabba xogħlijiet privati Triq Fidiel Zarb se tkun magħluqa għat-traffiku kollu nhar it-Tnejn, it-22 ta' Diċembru 2008 mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m.

It-12 ta' Diċembru, 2008

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, or the Department's website on www.exams.gov.mt

12th December, 2008

EXAMINATIONS DEPARTMENT

AQA Summer 2009 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates intending to sit for the AQA Examinations Summer 2009 that application forms will be accepted from Monday 5th January 2009 up to Friday 16th January, 2009 from 8.00 a.m. to 4.30 p.m. as follows:

Malta Candidates:
Examinations Department
Floriana

Gozo Candidates:
Examinations Centre
Victoria, Gozo

Details regarding subjects and the relative fees may be obtained from the above offices.

Applicants have also the option to send their application on-line on www.exams.gov.mt. The on-line registration will be available between Monday 5th January, 2009 up to Monday, 19th January, 2009 till 4.00 p.m.

Important

Candidates are advised to check between different local and foreign Examining Boards's timetables, before applying for any examinations.

Clash of subjects in examinations offered by different Foreign Examining Boards' will only be considered if not in the same subject.

Clashes of subjects between Foreign Examining Boards and MATSEC will not be considered.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, or the Department's website on www.exams.gov.mt

12th December, 2008

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Għargħur Local Council notifies that due to private works Triq Fidiel Zarb will be closed to all traffic on Monday, 22nd December 2008 from 9.00 a.m. till 1.00 p.m.

12th December, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

